**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 305/2019 AF**

**Western Co. Limited (C-19994)**

**Vs**

**Matthew Charles Costigan u martu Maria Costigan**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Western Co. Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà attrici kienet inizzjat proceduri permezz ta' rikors guramentat sabiex tithallas minghand il-konvenuti dak dovut lilha skont skrittura privata datata 2 ta' Ottubru 2017 fejn ghaddietilhom il-gestjoni ta' hanut "Ta' Paris Store", Triq Cesalpina, Ta' Paris, B'Kara versu l-prezz ta' Eur70,000 tal-istock u l-goodwill apparti taxxi u imghaxijiet. Din il-kawza hija fl-ismijiet premessi u ghandha n-numru 1014/18TA u differita ghat-2 ta' Mejju 2019.

In kawtela ta' tali pretenzjonijiet is-socjetà attrici kienet ipprezentat kontra l-konvenuti mandat ta' sekwestru li ghandu numru 1517/18 u mandat ta' inibizzjoni fuq proprjeta' numru 1895/18.

Sussegwentement il-konvenuti, bl-intiza biss ta' tpattija kontra s-socjetà attrici intavolaw mandat ta' sekwestru numru 1927/18 a bazi ta' kontro-talba li pprezentaw fil-kawza numru 1014/18TA.

Sussegwentement is-socjetà attrici intavolat rikors fejn talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1927/18. Permezz ta' digriet tal-20 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet inversi (rik. nru. 1190/18TA) din il-Qorti ordnat lill-konvenuti jiddepozitaw Eur12,000 bhala garanzija ghad-danni li tista' ssofri s-socjetà rikorrenti minhabba fil-mandat tal-konvenuti.

Però tant il-mandat ta' sekwestru tal-konvenuti kien wiehed vessatorju li l-konvenuti naqsu milli jiddepozitaw is-somma ta' Eur12,000 kif ordnat bid-digriet ta' l-20 ta' Dicembru 2018 u konsegwentement, fit-22 ta' Jannar 2019, is-socjetà attrici ipprezentat kontro-mandat numru 64/19 liema kontro-mandat gie akkordat.

Però fil-frattemp, waqt illi l-mandat ta’ sekwestru intavolat mill-konvenuti numru 1927/18 kien ghadu in vigore, is-socjetà attrici sofriet danni kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

L-esponent jiddikjara li jaf b’dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi l-konvenuti intavolaw mandat ta’ sekwestru numru 1927/18 kontra s-socjetà attrici, liema mandat huwa kjarament vessatorju, tant li l-konvenuti ma ottemporawx ruhhom mad-digriet tal-20 ta’ Dicembru 2018, is-socjetà attrici sofriet danni.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjetà attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ mandat inibizzjoni numru 203/19 u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Matthew Charles Costigan u martu Maria Costigan, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-ewwel żewġ premessi tar-rikors ġuramentat mhumiex kontestati.

Dwar it-tielet premessa, huwa minnu li l-esponenti ppreżentaw kontro-talba fil-kawża 1014/18TA u kontestwalment intavolaw il-mandat ta’ sekwestru numru 1927/18. Permezz tal-kontro-talba l-esponenti qegħdin jitolbu l-ħall tal-iskrittura privata mertu tal-kawża 1014/18TA stante li saret frott ta’ qerq u/jew frodi u msejjsa fuq kawża lleċita. Il-mandat ta’ sekwestru 1927/18 sar in kawtela tad-danni sofferti mill-esponenti konsistenti f’telf ta’ qliegħ riżultat ta’ garanziji foloz mogħtija mis-soċjetà attriċi.

Il-mandat ta' sekwestru 1927/18 ġie appuntat għas-seduta tas-17 ta' Diċembru 2018 fejn din il-Qorti diversament preseduta semgħet ix-xhieda tal-esponenti. Tant li l-mandat 1927/18 ma sarx frivolożament u vessatorjament li l-esponenti ngħataw raġuni *prima facie* u t-talba tagħhom intlaqgħet limitatament fl-ammont ta' €35,000. Fil-fehma tal-ewwel Qorti d-danni li setgħat issofri s-soċjetà attriċi ma kienux jiżbqu it-€12,000 għalhekk l-esponenti ġew ordnati jipprovdu garanzija fl-ammont ta' €12,000 u fin-nuqqas tali mandat kellu jiġi revokat.

Meta l-esponenti ġew ordnati jipprovdu l-garanzija ta' €12,000 kienu f'posizzjoni prekata fejn kellhom in vigore fil-konfront tagħhom il-mandat ta' sekwestru 1517/18 fl-ammont ta' - u mandat t'inibizzjoni 1895/18 intavolati mis-soċjetà attriċi. Il-garanzija ma ġietx provduta mhux għax il-mandat 1517/18 sar frivolożament u sabiex jivvessa iżda għaliex l-esponenti tpoġġew f'morsa mis-soċjetà attriċi stess fejn spiċċaw f'posizzjoni li ma setgħux jipprovdu l-garanzija rikjesta u l-mandat ġie revokat.

Sussegwentement is-soċjetà attriċi ntavolat il-mandat t'inibizzjoni ieħor – 203/19 – sabiex tikkawtela allegati danni sofferti minnha talli ma setgħatx tittrasferixxi numru ta' vetturi li kienet biegħet apparti li nżammet milli tagħmel pagamenti oħra mit-28 ta' Novembru 2018 sat-22 ta' Jannar 2019 ċioè 55 ġurnata riżultat tal-mandat ta' sekwestru ntavolat mill-esponenti.

Minn riċerka li għamlu l-esponenti fir-Reġistru tal-Qorti jirriżulta li ferm qabel l-esponenti ntavolaw il-mandat ta' sekwestru 1927/18, is-soċjetà attriċi kienet u għadha kolpita minn mandat ta' sekwestru ieħor intavolat fl-2015 minn terzi fl-ismijiet "Gaetano Abdilla u martu Mary Abdilla vs Charles Bianco u Western Company Limited" (Mandat ta' sekwestru 1235/15). Dan il-mandat ta' sekwestru, li jippreċedi l-mandat ta' sekwestru tal-esponenti, huwa fl-ammont ta' €116,871.92 filwaqt li l-mandat tal-esponenti intlaqa' fl-ammont ta' €35,000. Għalhekk is-soċjetà attriċi ma setgħet qatt tbagħti d-danni li qed jiġu allegati minnha fil-kawża odjerna.

Pjuttost ta' min iqis l-aġir tas-soċjetà attriċi li wara li ntavolat l-aħħar mandat t'inibizzjoni (203/19) naqset milli tippreżenta l-

odjerna kawża entro t-terminu tal-għoxrin skont l-Art. 843 tal-Kap. 12. L-esponenti preżentaw rikors għar-revoka ta' tali mandat u għal ħlas ta' penali taħt l-Art. 836(8) tal-Kap. 12 liema mandat jinsab appuntat għas-smiegħ għas-seduta tal-11 ta' April 2019 quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta.

Tant sottomess, l-esponenti jeċċepixxu dan li ġej:

Illi preliminarjament is-soċjetà attriċi ma sofriet l-ebda danni riżultat tal-mandat ta' sekwestru 1927/18 stante li fl-istess perjodu kien hemm diġà *in vigore* il-mandat ta' sekwestru 1235/15 intavolat minn terzi f'ammont li jiżboq aktar minn tlett darbiet l-ammont ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru ntavolat mill-esponenti.

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess jekk jirriżulta li s-soċjetà attriċi sofriet danni riżultat tal-mandat ta' sekwestru 1927/18 intavolat mill-esponenti, l-esponenti m'ghandhomx ibatu tali danni stante dan il-mandat ġie ntavolat fl-eżerċizzju ta' dritt li jispetta lilhom in kawtela ta' pretensjonijiet validi u mhux frivoli u vessatorji hekk kif ser jiġi pruvat u għalhekk ma jistgħux jiġu kkundannati għad-danni u dan in linea mal-prinċipju *qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*.

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-spejjeż tal-mandat t'inibizzjoni 203/2019 stante li dan ma ġiex segwiet bil-kawża entro t-terminu tal-għoxrin jum imsemmi fl-Art. 843 tal-Kap. 12 u għalhekk sar inutilment. L-esponenti intavolaw rikors għar-revoka ta' tali mandat u għal ħlas ta' penali liema rikors ser jiġi trattat fil-11 ta' April 2019 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta.

Subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-allegazzjonijiet u t-talbiet attriċi huma infondanti fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat il-vertenza bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha għal skrittura privata tat-2 t'Ottubru 2017 permezz ta' liema s-soċjetà attriċi ċediet il-ġestjoni tal-ħanut bl-isem "Ta' Paris Store", fi Triq Ċesalpina, Ta' Paris, Birkirkara favur il-konvenuti. L-ammont pattwit fuq l-imsemmi att kien ta' €70,000 rappreżentanti *stock* u *goodwill*. Il-partijiet qablu fuq kif kellhom isiru l-pagamenti. Ġara però illi nqala diżgwid serju bejn il-partijiet u peress illi l-konvenuti kienu morużi fil-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi ai termini tal-ftehim tat-2 t'Ottubru 2017, is-soċjetà attriċi intavolat proċeduri separati dawk bin-numru 1014/18TA fl-ismijiet premessi. In kawtela ta' tali pretensjonijiet, is-soċjetà attriċi talbet u kisbet mandat ta' sekwestru bin-numru 1517/18 kif ukoll mandat t'inibizzjoni bin-numru 1895/18 it-tnejn fil-konfront tal-konvenuti. Il-konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi billi oltre għall-fatt illi ressqu diversi eċċezzjonijiet ressqu wkoll kontro-talba prinċipalment imsejsa fuq frodi u qerq perpetrat mis-soċjetà attriċi meta nduċiet lill-konvenuti jiffirmaw il-ftehim tat-2 t'Ottubru 2017. In kawtela tal-kontro-talba, il-konvenuti talbu u kisbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru dak bin-numru 1927/18 fl-ismijiet inversi. B'rikors numru 1190/18TA, is-soċjetà attriċi talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1927/18. Il-mandat ta' sekwestru numru 1927/18 inizjalment kien għas-somma ta' €99,000 biss b'digriet tal-20 ta' Diċembru 2018 din il-Qorti diversament preseduta rriduċiet il-mandat għas-somma ta' €35,000 waqt illi ordnat lill-konjuġi Costigan jiddepożitaw is-somma ta' €12,000 in kawtela ta' danni li potenzjalment setgħet iġġarrab Western Co. Ltd. biż-żamma fis-seħħ tal-imsemmi mandat. Il-konvenuti Costigan kellhom terminu sal-20 ta' Jannar 2019 sabiex jiddepożitaw dan l-ammont il-Qorti. Peress illi dan l-ammont

baqa' ma ġiex depożitat, is-soċjetà attriċi ppreżentat kontro-mandat, dak bin-numru 64/19 li ġie akkordat. Is-soċjetà attriċi tilmenta mill-fatt illi ġarrbet danni konsegwenza taż-żamma fis-seħħ tal-mandat bin-numru 1927/18 u għalhekk ipproċediet b'din l-istanza waqt illi kontestwalment intavolat mandat t'inibizzjoni, numru 203/19, in kawtela tal-pretensjoni tagħha.

Permezz ta' din il-kawża s-soċjetà attriċi qegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru numru 1927/18 fil-konfront tas-soċjetà attriċi kien wieħed frivolu u vessatorju u serva sabiex ikkawża danni għas-soċjetà attriċi. Talbet għalhekk lill-Qorti tillikwida d-danni minnha mġarrba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont likwidat.

Għad illi meta ġiet intavolata l-kawża odjerna dik bin-numru 1014/18TA kienet għada pendenti, dik is-sentenza inqatgħet fis-26 ta' Jannar 2023. Il-Qorti sabet illi s-soċjetà attriċi ma setgħet qatt iċċedi l-ġestjoni tal-ħanut lill-konvenuti essendo illi l-ġestjoni ma kienitx tinsab f'idejn is-soċjetà attriċi iżda f'idejn Maria Elena Bianco *ossia* mart id-direttur tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti għaddiet sabiex ċaħdet it-talbiet attriċi waqt illi laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali wara li kkonkludiet li s-soċjetà attriċi kienet kisbet b'qerq il-firma tal-konvenuti fuq l-att tat-2 t'Ottubru 2017. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni l-Qorti llikwidat ukoll id-danni li kienu dovuti lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi.

In vista ta' din is-sentenza, is-soċjetà konvenuta targumenta li l-frivolożità u l-vessatorjetà tal-mandat mitlub mill-konvenuti tkompli tispikka meta wieħed iqis li apparti l-fatt li mit-talba oriġinali ta' €99,000 il-mandat ġie ridott għal €35,000, finalment irriżulta li s-soċjetà attriċi hija debitriċi tal-konvenuti unikament għas-somma ta' €5,715.

Mill-provi rriżulta li l-kwistjoni bejn il-partijiet żvolġiet f'serje ta' atti ġudizzjarji konsistenti f'kawżi u mandati li l-partijiet għamlu reċiprokament. Il-lanjanza tas-soċjetà attriċi hija illi bil-mandat *in vigore* hija ma setgħetx tbiegħ erbatax-il vettura għar-raġuni li ma setgħux jiġu pproċessati t-trasferimenti tal-istess. Irriżulta wkoll però li ġa minn qabel ma ġie akkordat il-mandat kawtelatorju mitlub mill-konvenuti, is-soċjetà attriċi diġa kellha

kwistjonijiet ma' terzi tant illi kienet ġa tinsab milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju, dak bin-numru 1235/15 fl-ismijiet Gaetano Abdilla et vs Charles Bianco et għas-somma ta' €116,871.92.

Il-Qorti tqis għalhekk illi anki jekk il-mandat kawtelatorju miksub mill-konvenuti żgur illi ħalla l-effetti tiegħu fuq il-livell t'attività kummerċjali li setgħet twettaq is-soċjetà attriċi, fl-istess waqt qegħda tqis illi s-soċjetà attriċi kienet diġà milquta b'mandat kawtelatorju ieħor u dan dwar ammonti ta' flus ferm u ferm akbar minn dak in kawtela tad-drittijiet tal-konvenuti. Tqis għalhekk illi anki jekk jirriżulta minnu li in virtu tal-mandati fil-konfront tagħha s-soċjetà ġarrbet xi danni, ma tistax b'daqshekk tinqeda bl-okkażjoni biex titfa' r-responsabilita` għat-telf lill-konvenuti. Inoltre, il-konvenuti ma jistgħux jiġu mċanfra għaliex talbu u kisbu mandat in kawtela tad-drittijiet tagħhom, drittijiet li finalment ġew konfermati bis-sentenza ta' din il-Qorti diverstament preseduta tas-26 ta' Jannar 2023, anki jekk f'ammont ferm anqas minn dak pretiż mill-konvenuti. Huwa ritenut fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li kreditur għandu jedd iqiegħed fis-sod il-kreditu tiegħu b'kull mezz mogħti lilu mill-liġi.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

IMHALLEF

DEP/REG